31985R3819

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3819/85
tat-30 ta' Diċembru 1985
li jaġġusta diversi Regolamenti li jirrelataw maz-zokkor bħala riżultat tal-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, b'mod partikolari Artikolu 396 tiegħu,

Billi l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall għall-Komunità tirrikjedi li diversi Regolamenti li jirrelataw maz-zokkor jiġi aġġustati; billi dawn l-aġġustamenti jinvolvu biss tifsiriet fil-lingwi relattivi u limiti ta' żmien fir-:

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 100/72 tal-14 ta' Jannar 1972 li jipprovdi regoli dettaljati għall-isnaturar taz-zokkor għall-għalf ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3475/80 [2],

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2782/76 tas-17 ta' Novembru 1976 li jipprovdi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni għall-importazzjoni ta' zokkor preferenzjali [3], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3475/80,

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2630/81 tal-10 ta' Settembru 1981 li jipprovdi regoli speċjali dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni fis-settur taz-zokkor [4], kif l-aħħar emendat bir-Regoalment (KE) Nru 3130/82 [5];

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1443/82 tat-8 ta' Ġunju 1982 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-kwota fis-settur taz-zokkor [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2682/84 [7];

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 787/83 tad-29 ta' Marzu 1983 dwar komunikazzjonijiet fis-settur taz-zokkor [8], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2682/84,

Billi bis-saħħa ta' Artikolu 2(3) ta' l-Att ta' Adeżjoni l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw, qabel l-adeżjoni, l-miżuri li għalihom jirreferi Artikolu 396 ta' l-Att, b'dawk il-miżuri jidħlu fis-seħħ suġġetti għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Att,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied ma' Artikolu 25(1) tar-Regolament (KEE) Nru 100/72:

"Azúcar desnaturalizado",

"Açcacar desnaturado".

Artikolu 2

Ir-Regolament (EEC) Nru 2782/76 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

(a) Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' l-ewwel inċiż ta' Artikolu 6(1):

"— aplicación del Reglamento (CEE) nº 2782/76",

"— aplicaçao do Regulamento (CEE) no 2782/76";

(b) Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' l-ewwel inċiż ta' Artikolu 7(2):

"— aplicación del Reglamento (CEE) nº 2782/76",

"— aplicaçao do Regulamento (CEE) no 2782/76".

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 2630/81 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

(a) Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' l-Artikolu 2(2):

"Reglamento de licitación (CEE) no … (J. O. no … del); limite de presentación de ofertas expirando el …"

"Regulamento de adjudicaçao (CEE) no … (J. O. no de); o prazo de apresentaçao das ofertas expira em …"

(b) Dawn l-inċiżi tmienja u disgħa li ġejjin huma miżjuda ma' Artikolu 2(3):

(aa) qabel "jew alternattivament":

"— tasa de la restitución aplicable: …"

"— taxa da restituçao à exportaçao aplicavel: …".

(bb) wara "jew alternattivament":

"— tasa de exación reguladora a la exportación aplicable …",

"— taxa do direito nivelador à exportaçao aplicavel: …".

(1) ĠU L 12, tal-15.1.1972, p. 15.
(2) ĠU L 363, tal-31.12.1980, p. 69.
(3) ĠU L 318, tat-18.11.1976, p. 13.
(4) ĠU L 258, tal-11.11.1981, p. 16.
(5) ĠU L 329, tal-25.11.1982, p. 20.
(6) ĠU L 158, tad-9.6.1982, p. 17.
(7) ĠU L 254, tat-22.9.1984, p. 9.
(8) ĠU L 88, tas-6.4.1983, p. 6.

(ċ) Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 3(1):

"para exportación conforme al articulo 26 pa'raffa 1 del Reglamento (CEE) nº 1785/81;",

"para exportaçao nos termos do numero 1 do artigo 26.º do Regulamento (CEE) no 1785/81;".

(d) Dawn li ġejjin huma miżjuda mar-raba' subparagrafu ta' Artikolu 3(1):

"para exportación sin restitución ni exacción reguladora … (cantidad para la cual este certificado ha sido emitido) kg; certificado vàlido en … (Estado Miembro)",

"para exportaçao sem restituiçao nem direito nivelador … (quantidade para a qual este certificado foi emitido) kg; certificado va'lido em … (Estado-Membro)";

(e) Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' l-ewwel inċiż ta' l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 6:

"— azúcar preferencial [Reglamento (CEE) nº 2782/76]",

"— açucar preferencial [Regulamento (CEE) no 2782/76]";

(f) Dawn li ġejjin huma miżjuda ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 10(2):

"EX/IM, l-Artikolu 25, directiva perfeccionamiento activo

— attestat va'lido en…… (Estado Miembro emisor)",

"EX/IM, artigo 25, directiva de aperfeiçoamento activo

— attestat va'lido em …… (Estado-Membro emissor)".

Artikolu 4

Ir-Regolament (KEE) Nru 1443/82 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

It-tieni subparagrafu ta' Artikolu 5(4) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Għad-dipartiment Franċiżi ta' Guadeloupe u Martinique u għal Spanja dwar zokkor tal-kannamieli, id-dati '15 ta' April' u 'l-1 ta' Ġunju' fil-paragrafi 2 u 3 huma mibdula bi '15 ta' Awissu' u 'l-1 ta' Settembru' rispettivament."

Artikolu 5

Ir-Regolament (KEE) Nru 787/83 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

(a) F'Artikolu 9, il-punt 1, l-aħħar parti tas-sentenza hija mibdula b'dan li ġej:

"…; għad-dipartimenti Franċiżi ta' Guadeloupe u Martinique u għal Spanja dwar zokkor tal-kannamieli, iżda, dik id-data hija mibdula bl-'1 ta' Lulju'."

(b) F'Artikolu 12, il-punt 2, l-aħħar parti tas-sentenza hija mibdula b'dan li ġej:

"…; għad-dipartimenti Franċiżi ta' Guadeloupe u Martinique u għal Spanja dwr zokkor tal-kannamieli, iżda, dik id-data hija mibdula bl-'1 ta' Lulju'."

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986 suġġett għad-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 Diċembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President